MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 1050/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**U GIANLUCA TORRES ta’ 39 sena, iben Vincenzo u Giuseppina nee’ Mirabella, imwieled l-Italja nhar l-10 ta’ Frar, 1973, residenti fil-fond Jesmond Court, Flat 4, Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 018571A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Gianluca Torres** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tas-6.00pm, gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana, ikkommetta serq ta' lap-top ghad-dannu ta' Dr Kenneth Vassallo MD, liema serq huwa aggravat bil-valur u l-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 267, 270, u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li mal-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, ezebit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess.

Rat ukoll li dan il-gudizzju separat huwa biss fil-konfront ta' Gianluca Torres.

Rat ukoll il-verbal tal-partijiet dwar il-valur tar-res furtiva, anqas minn €500.

Rat il-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi jikkonsistu fl-istqarrija tal-imputat li giet mehuda bla dritt ta' assistenza legali. Fit-tieni lok xehdu l-pulizija li waqqfu lill-ko-imputat Ivan Camilleri fil-vettura tieghu, u fil-pussess ta' dan sabu l-lap top misruq. Illi kien dan Camilleri li ndika lill-pulizija li l-lap top kien fil-fatt hadu Torres u li kienu ser jirritornawh. L-involviment ta' Torres allura rrizulta minn indikazzjoni u nformazzjoni moghtija lill-pulizija minn **ko-imputat (enfasi tal-Qorti).**

Id-derubat Dr Kenneth Vassallo xehed fil-konfront ta' pazjent li seraqlu l-lap top mill-GP Room gol-poliklinika. Xehed illi qatt ma ra lil Gianluca Torres.

Xehed anke l-imputat li ghal kollox innega l-involviment tieghu fl-akkuzi kif dedotti. Spjega li fil-fatt dak li qal fl-statement ghalih ma kinx gie miftiehem sew. Baqa' nsistenti li fil-fatt dak li kien qieghed jixhed viva voce kien il-verita', u li hu kien fil-fatt irrilaxxa l-istqarrija bit-Taljan mhux kif jidher fl-istess bil-Malti.

Illi jidher fil-fatt illi l-unika prova li ngabet kontra l-imputdat kienet din l-istqarrija, Dr Vassallo fil-fatt qatt ma gharaf lill-istess.

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-provi prodotti, din il-Qorti ma tistax tasal biex issib htija fil-konfront ta' Torres, in kwantu hekk qieghed jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------